# ĠUŻÈ AQUILINA, studjuż tal-lessiku u l-lingwa (1911-1997)



Il-Professur Ġużè Aquilina twieled il-Munxar Għawdex fis-7 ta' April 1911. Studja fis-Seminarju tal-Isqof f'Għawdex, iktar tard fl-Università ta' Malta u fl-i*School of Oriental and African Studies* tal-Università ta' Londra (1937-40). Kien l-ewwel Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali (1937-1976) u kien id-Dekan tal-Fakultà tal-Arti bejn is-snin 1948-1966 u s-snin 1972-1975, fl-Università ta' Malta.

Minn meta laħaq Kap tad-Dipartiment tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Università fl-1937 ma heda qatt bl-inizjattivi favur l-istudju tal-Malti u f'ħafna ċentri kulturali barra minn Malta, l-aktar fl-universitajiet ta' Sorbonne u ta' Leeds fejn kien meqjus bħala awtorità fl-istudji tal-Malti.

Aquilina kiteb 'il fuq minn 50 ktieb fuq il-lingwistika, proża, poeżija u kitbiet oħra fuq il-lingwa u l-letteratura f'perjodiċi xjentifiċi f'Malta u barra minn Malta. Ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu huma ***Papers in Maltese Linguistics***, ***A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs***, ***Comparative Maltese Arabic Grammar***, ***The Structure of Maltese***, ***Teach Yourself Maltese***, u naturalment id-dizzjunarju ***Maltese-English Dictionary*** f'żewġ volumi u ***English-Maltese Dictionary*** f'erba' volumi.




Aquilina kien l-editur tal-*Journal of the Royal University of Malta Literary Society* (1932-1937), Leħen il-Malti (1940-1976), Tagħlim għall-Kbar (1953-1965), *Journal of Faculty of Arts* (1957-1976) u tal-*Journal of Maltese Studies* (1961-1976).

Ġużè Aquilina miet ta' 86 sena fit-8 t'Awwissu 1997.

Informazzjoni meħuda minn ***www.akkademjatalmalti.com***

***lehhilmalti@gmail.com*** **LEĦĦ IL-MALTI** ***lehhilmalti@gmail.com***

# Nistaqsi biex nikteb Malti sew



## Meta nkun nittajpja bil-kompjuter liema hi t-tajba?

## kumdita', kumdita, kumdita` jew kumdità?

L-unika kelma tajba hija **kumdità**. Qabel xejn, irridu nifhmu mill-ewwel żewġ sinjali — l-appostrofu u l-aċċent — li jintużaw fil-kitba Maltija bi skop differenti.

**L-appostrofu** [ **'** ] nużawh biex nuru li hemm xi ħaġa nieqsa jew imqassra, ngħidu aħna xi vokali li waqgħet (eż. **f'April flok *fi April***), jew il-konsonanti **għ** f'tarf il-kelma (eż. **reġa'** minflok ***reġagħ***). Mela l-forma **kumdita'** hija ħażina, għax hawn m'għandna xejn nieqes jew imqassar.

**L-aċċent** [ ` ] jurina li f'dik il-kelma l-qawwa tal-leħen qed taqa' fuq l-aħħar sillaba (**verità, kafè, Marì, bijambò, tribù**). B'hekk nagħmlu differenza bejn koppji jixxiebhu bħal: mara **onesta** mżejna bl-**onestà**, **il-Papa** (ta' Ruma) u **l-papà** (missier).

Mela l-forma **kumdita** hija ħażina għax nieqsa mill-aċċent li jurina l-leħen u tiġi tinqara bħal qarnita.

L-aċċent jinkiteb dejjem **fuq** il-vokali, mhux warajha, għax huwa parti mill-ħoss tal-istess vokali. Hija vokali aċċentata. Mela l-forma **kumdita`** mhix tajba għax hawn l-aċċent inkiteb fl-ispazju ta' wara l-vokali, minflok fuqha. Xi wħud, minflok l-aċċent **fuq** il-vokali, jiżbaljaw u jiktbu l-aċċent (jew l-appostrofu) wara l-vokali (**kumdita`**, **kumdita'**). Dawn jeħtieġ jitgħallmu li meta qed jużaw il-kompjuter kulma jridu jagħmlu hu li jagħfsu l-buttuna **Alt Gr** u **l-vokali** li jridu flimkien.






**leħħ il-Malti**
*nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija*

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq** ***lehhilmalti@gmail.com***